**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U GĦOXRIN 28 TA' Lulju, 2021**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **25.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 25.1.1 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud informa li ma jistax jattendi għas-seduta minħabba x-xogħol. L-ittra ta' appoloġija ġie milqugħa. Dok 1 mehmuż.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia informa li kien ser jattendi tard u sal-aħħar tas-seduta kien għadu ma attendiex. |
| | | |
| **25.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 25.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni fuq punt 24.4.6 biex tinġieb fuq fb ħalli r-residenti jirrikorru. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 25.2.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni li meta l-Kunsill jibgħat email u jitlob risposta, tali risposta tkun iċċirkulata lill-kulħadd. |
| | | |
| 25.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tal-erbgħa u għoxrin - il seduta. |
| | | |
| ***25.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 25.3.1. | | Is-Sindku Rita Grima qalet li l-Kunsill kien applika għal proġetti ta' Embellishment of Urban Squares u l-ġimgħa l-oħra irċievet telefonata li l-proġett ta' Misraħ Repubblika ġie milqugħ minn Parks Malta. Parks Malta infurmawha li kienu ser jagħtu 35% tal-proġett u l-Kunsill jista jieħu l-kumplament tal-fondi minn DPF funds (ex UIF). Is-Sindku qalet li tkellmet mal-Perit li ħadmet fuq din l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomess f'short notice. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jibda bil-proċess ta' permessi u tenders. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Illum saret laqgħa b'urġenza biex tali proġett ma jiklexjax mal-proġett ta' storm water.<br><br>Is-Sindku Rita Grima ssuġġeriet ukoll li flimkien mal-proġett tal-Misraħ isir ukoll Sqaq il-Ħelu ħalli l-akwata kollha tkun kompluta.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa biex issir laqgħa apposta fuq dan il-proġett.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 25.3.2 | | Is-Sindku qalet li kienet ippjanata li ssir ċerimonja żgħira għall-iffirmar ta' MOU ma' kumpanija privata li lesta li tagħti propjeta lill-Kunsill u nofsiegħa qabel iċ-ċerimonja ġejna infurmati li l-Kuntrattur ma ridx jiġi jiffirma. Ġew infurmati l-Ministru, d-Direttur Ġenerali u l-Kunsilliera li kienu infurmaw li ser ikunu preżenti għaċ-ċerimonja. Waqt li s-Sindku u l-Kunsillier Joseph D'Amato u l-konsulent tal-Kunsill re PA, kienu fil-Kunsill insistew mal-kuntrattur biex jiffirma dak li l-Kunsill ġie mwiegħed. Rappreżentant tal-kumpanija ġie fil-Kunsill bl-MOU iffirmat, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmawh ukoll. |
| | | |
| ***25.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 25.4.1 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq Wied Fulija biex isir id-dawl fiha u jsiru bins.<br>Is-Sindku qalet li qed ikollha ħafna komunikazzjoni mas-CEO tal-Wasteserv fuq dan u s-CEO informa li minħabba l-ERA, light polution u l-għasafar, dawl mhux ser isir żgur. Fir-rigward ta' bins qalilha li bins mhux ser isiru minn Wasteserv u mhux ser jagħti permess lill-Kunsill biex iwaħħal hu f'Wied Fulija. Is-CEO qal li Wied Fulija jrid iħallih fl-istat naturali li hu.<br><br>Il-Kunsill qabel li jiġu ordnati żewġ bins fuq barra tal-proġett – wieħed tal-klieb u ieħor reċipjent kbir. Kien hemm qbil li ikun il-kuntrattur li jiġbor l-iskart bieb bieb biex inaddaf tali bins. |
| | | |
| 25.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li skola sajf jixtieqn jorganizzaw attivita bejn it-tfal u l-Kunsill biex jiżbgħu cat shelters, li ser jagħmel il-Kunsill wara li intalab permess lill-Kap tal-iskola. Minħabba li tali shelters ser jingħataw minn Parks Malta bla ħlas sa Settembru, s-Segretarju Eżekuttiv tat suġġeriment biex wieħed |

| | | |
|---|---|---|
| | | mill-cat shelters li hemm fil-ġnien tal-ġibjun jitniżżel fejn l-iskola. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 25.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab biex wieħed mill-parkeġġi fejn il-posta jsir M/C bay minflok parkeġġ ta' vettura, minħabba li ma tkunx tista tagħddi ambulanza biha. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Kien hemm qbil li tintbagħat il-lista ta' persuni li għandhom il-permess tal-parkeġġ b'diżabilta fil-lokalita, lill-kunsilliera kollha.<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kaydem Schembri (19:00) |
| | | |
| 25.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li :<br>• min qed jaħdem fl-iskola qed joħorġu l-iskart fejn il-bins il-blue ta' Triq Stefano Zerafa.<br>• Familja li toqgħod fi Triq Salvu Psaila qed tarmi ilma jinten mill-gallarija. Kien hemm qbil li jiġi irrappurtat lis-sanita.<br>• Biex jissewwa l-ħajt fi Triq il-Wied eżatt fejn l-isqaq. Is-Sindku ser terġa tfakkar lill-Cleansing Department fuq dan.<br>• Il-funtani ta' Ġnien l-Ewropa qed jaħdmu, imma l-ilma qed ikun jinten. Kien hemm qbil li l-Kunsill javża lill-Cleansing Department.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia feraħ lill-Kunsilliera li ġew eletti fiż-Zurrieq football club. |
| | | |
| 25.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li :<br>• ser jipproponi żewġ attivitajiet tal-Orkestra – waħda Mużika letterarja f'ġieh il-Mons P P Saydon fit-24 ta' Settembru, fil-Knisja<br>• u oħra qrib il-Milied, fit- 30 ta' Diċembru ġol-iskola. Dejjem taħt l-approvazzjoni tad-dipartiment tas-saħħa.<br>• Issuġġerixxa biex darba fil-ġimgħa l-kuratur tal-mitħna jnaddaf il-Mitħna bi ħlas – kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex issir reminder lill-Perit David Vassallo fuq l-affarijiet li għad fadallu jsir fiż-Żurrieq u tali email tiġi kkupjata lis-CEO is-Sur Frederic Azzopardi.<br>• Isiru 4 bankijiet f' Ħal Far fejn ikun hemm l-immigranti. Kien hemm qbil li jsiru żewġ bankijiet. |
| | | |
| 25.4.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li grazzi għall-Kunsill sar proġett pożittiv fuq Wied Fulija u fuq l-MOU li ġie ffirmat il-ġimgħa l-oħra.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ġo għalqa fi Vjal ix-Xarolla kien hemm persuna qed tarmi konkos u ġie rrappurtat lill-pulizija. Il-pulizija qalu li marru fuq il-post u min kien qed jitfa l-konkos, kien qed jitfgħu fi propjeta tiegħu. Il-Kunsillier Dino Bonnici ried li tali ilment jitressaq għall-attenzjoni tal-PA. Kien hemm qbil fuq dan. |

<table>
<tr><td></td><td></td><td>Il-Kunsillier Joseph D’Amato qal li jeħtieġ li l-Kunsill jerġa jikteb lill-Kummissarju ta’ Pulizija biex fiż-Żurrieq isiru l-pulizija tal-komunita. Is-Sindku qalet li diġa kienet tkellmet mal-Kummissarju, fejn ġiet infurmata li għalissa ż-Żurrieq mhux fil-pjan taghhom imma sa sentejn oħra f’Malta kollha ser ikun hemm tali servizz.</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>25.4.7</td><td></td><td>Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li :
<ul>
<li>Is-siġar ta’ wara tal-Ġibjun jinsabu mejtin bil-għatx.</li>
<li>Jeħtieġ li jsir dustbin fuq in-naħa ta’ wara tal-Ġibjun u dawl adekwat.</li>
<li>Fejn it-torri tal-wardija inqatgħu s-siġar tal-kappar kollha, biex issir it-triq bit-tarmak.</li>
<li>F’dar Mattia Preti qalulu li kien hemm l-affreski. Issuġġerixxa biex jiġi mitkellem id-Dipartiment tar-restawr.</li>
<li>Biex il-kunsill news ma jibqax jitqassam bieb bieb, imma min iridu għandu jirreġistra fil-Kunsill u jiġi jieħdu mill-kunsill jew jiġi impustjat lilhom biss. Dan kollu minħabba l-ambjent. Is-Sindku ssuġġeriet li tibda tintuża l-karta reċiklata għall-Kunsill News. Il-Kunsillier Kaydem Schembri baqa jinsisti li jsir avviż fil-Kunsill u l-Kunsill jara kemm ikun hemm konkorrenza li jriduh. Kien hemm qbil li jsir kwestjonarju fil-Kunsill News li jmiss b’set ta’ ftit mistoqsijiet li ser jagħmel l-istess Kunsillier u wara li jiġu approvati mill-kunsill kollu, jiġu mdaħħla fil-kunsill news li jmiss.</li>
<li>Triq il-Kbira hemm keep clear u jeħtieġ parking bay ta’ mutur fuqha. Kien hemm qbil li l-parking bay ta’ mutur fejn il-posta għandha tkun biżżejjed.</li>
<li>Fi Triq Antonia Farrugia hemm arti li għada ma infetħitx u tinsab perikoluża u maħmuġa. Kien hemm qbil li tiġi ċċekjata l-akwata u jekk il-Kunsill jistax inaddafha. Il-Kunsillier Kaydem Schembri għandu jagħti dettalji fuq pjanta ta’ fejn hi l-art eżatt.</li>
<li>Biex il-bankina wiesa li teżisti fi Triq P P Saydon tidjieq u issir parkeġġ minflokha. Kien hemm qbil li jitkellem mal-perit u jġib il-pjanti ta’ dan is-suġġeriment u tali każ jerġa jiġi diskuss f’seduta oħra.</li>
</ul></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>25.5</td><td></td><td>Rapporti</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>25.5.1</td><td></td><td>Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-quarterly report (it-tieni kwart tas-sena) imħejji mill-accountant tal-Kunsill u li ġie riċevut illum stess. Id-dokument no.2 mehmuż ġie approvat.</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>25.6</td><td></td><td>Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>25.7a</td><td></td><td>Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>25.7a.1</td><td></td><td>Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:
<ul>
<li>Is-Sezzjoni żgħażagħ Palmisti qed jitolbu permess biex issir attivita (ikla bl-entertainment- Lejla Maltija) nhar it-28 ta’ Awwissu. Jkun hemm bżonn li bejn 25ta’ Awwissu bejn it-8:00 u l-Ħadd 29 ta’ Awwissu fis-7:00 Triq Inglott tkun</li>
</ul></td></tr>
</table>

| | | |
|---|---|---|
| | | magħluqa għat-traffiku. L-għaqda irċeviet approvazzjoni minn MTA. Kien hemm qbil li ġaladarba jkollhom il-permessi meħtieġa l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.<br>• Resident ta' Triq il-Mitħna baqa jinsisti biex titneħħa junction box minn quddiem resident li meta jipparkjaw il-vetturi jiġi ostakolat. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tablet lill-TM għal permess ta' parking bays bi spazzju ta' 2metri bogħod minn xulxin biex isiru double yellow line minflok junction box. TM infurmat li ser jiġu jaraw il-każ on site.<br>• Bżonn ta' bollard quddiem numru 10 Triq San Nikola għax il-vetturi qed jagħmlu ħsara lil faċċata ta' residenza. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Il-Kunsill ta' Morphou li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq hu ġemellat miegħu qed jistiednu lis-Sindku Rita Grima, għall-kommemrazzjoni tal-attivitajiet li jagħmlu f'Ottubru.<br>• Il-Kunsill qed jintalab biex jagħmel tabella 'for residents only' fit-triq tal-Blieqa, minħabba li vetturi li jmorru jistadu jew absailing qed jidħlu bil-vetturi fit-Triq tal-Blieqa u meta jiġu biex joħorġu 'l barra, minflok jirriversjaw qed jidħlu fl-għelieqi tan-nies biex idawru l-vettura tagħhom. Kien hemm qbil li jsiru tabelli no parking.<br>• Intalbet sleeping policeman fi Triq Napuljun fejn hemm ġnien żgħir. Ma kienx hemm qbil.<br>• Residenta trid li tbiegħ żewġ dvalji lill-Kunsill. Dawn huma magħmulin bl-idejn, tal-bizzilla u jiswew 300Euro tat-tnejn. Ma kienx hemm qbil għal il-Kunsill m'għandux il-bżonn tagħhom. |
| | | |
| 24.7a.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva ittra minn TM biex jitneħħew il-flexible bollards li hemm fi Triq Bronja, minħabba persuna li tkun trid toħroġ dgħajsa mill-garage tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tali bollards kienu saru bl-approvazzjoni ta' TM stress. Dok 2 anness. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif diġa infurmat lill-kunsilliera permess ta' email, l-bieraħ 27 ta' Lulju, resident infurmawna li l-bollards tneħħew u ġew mgħottija bil-konkos. Tali bollards ma ġewx irritornati lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill jaqbilx li jitbgħat kont lil TM tal-ispejjeż li kienu saru biex twaħħlu tali bollards.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-Kunsill għandu joħroġ stqarrija li l-Kunsill jiddisassoċja ruħu minn kull incident li jista jsir għax tali bollards inqalgħu minn posthom.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-bollards solvew ħafna problemi tat-traffiku u pparkjar ħażin. Ma jistax ikun li minħabba persuna waħda TM tieħu ddeċiżjoni li l-Kunsill ma jkunx jaf biha.<br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li jekk ma jittieħdux passi mmedjati, l-Kunsill għandu jieħu passi legali kontra TM.<br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li jekk ikun hemm bżonn kull meta tinħareġ id-dgħajsa mill-garage, s-sid għandu jordna uffiċjal, kif jagħmel persuna oħra kull meta jkollha bżonn jagħlaq triq.<br>Kien hemm qbil li jekk tali bollards ma jerġgħux jitwaħħlu sa ħmistax oħra,il-Kunsill joħroġ stqarrija u jżomm lil TM responsabbli. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil li tali bollards kienu hemm għar-raġuni validissima u li l-Kunsill għandu jżomm lill-TM responsabbli tal-inċidenti li jistgħu jinqalgħu sakemm dawn il-bollards jerġgħu jitwaħħlu. Il-Kunsill qabel li tinkiteb email lill-Prim Ministru, lill-Ministru Ian Borg u lill-Kevin Farrugia li ffirma l-ittra li intbagħtet lill-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li l-istess email tkun ikkupjata lill-Ministri u Segretarju Parlamentari tad-Distrett. Jekk il-Kunsill ma jkollux risposta joħroġ stqarrija stampa. |
| | | |
| 24.7a.3 | | Is-Segretrju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq Applikazzjoni PA 5090/21 re: parking area ta' quddiem Garden of Eden. Il-konsulent tal-Kunsill fuq PA ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb biex is-sit ikun imreġġa lura għall-istat naturali tiegħu skont il-metodoloġija iddettata mill-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| 4.7a.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni ta' ilmenti li qed tirċievi minn nies li jgħaddu minn Triq l-Inġiniera għal Triq il-Ħaddiema. Minħabba s-sitwazzjoni tat-traffiku kif ġiet Triq il-Ħaddiema, l-vetturi qed jispiċċaw iduru ma' dar u jinżlu għal Triq il-Qroll. Dawn iridu li Triq il-Ħaddiema terġa ssir two way traffic.<br><br>Kien hemm qbil li issir two way. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li min hu tiela għandu jkollu l-prijorita. Dan il-punt ser jitressaq lit-TM għall-approvazzjoni.<br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li ma jaqbilx. |
| | | |
| | | |
| ***25.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI, TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 25.8.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| ***25.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 25.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' **€56,657.06.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Marisa D'Amato u Kaydem Schembri. |
| | | |
| ***25.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 25.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 25ta' Awwissu 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 25 ta' AWWISSU, 2021

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Rita Grima | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |